**8 ta' Ġunju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Meinrad Calleja

**Inġurja ta' Avukat Difensur - Artikolu f'Ġurnal - Artikolu 995 u 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**

• *Id-dover ta' dik il-Qorti, skond l-artikolu 1003A, ma kienx li tipprovoka u tikkundanna lil min kontra tagħha sar ir-rapport iżda li tagħti dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur biex dan jieħu l-passi skond il-liġi.*

Il-Qorti:-

*Fit-13 ta' Awissu, 1996 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)* ippronunzjat is-segwenti digriet fl-Atti tal-Kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija** *vs* **Meinrad Calleja**;

Wara li rat l-artikolu intitolat "*This is No Normal Democaracy*" ippubblikat fil-gazzetta The Malta Independent ta' l-4 ta' Awissu, 1996, iffirmat mill-artikolista Daphne Caruana Galizia;

Wara li semgħet id-difiża;

Wara li rat l-artikolu 995 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Ikkunsidrat:

Illi l-*Qorti tirrimarka* illi huwa dritt sakrosant ta' kull imputat illi jagħżel l-avukat difensur tiegħu, liema avukat għandu d-dmir li jaqdi onestament u fedelment u bl-aktar mod professjonali lill-patroċinat tiegħu;

Illi għalhekk, sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond il-liġi, l-avukat għandu jkollu moħħu mistrieħ sabiex mingħajr indħil ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet spettanti lilu mil-liġi;

Illi il-liġi tiddetermina lill-avukat difensur bħala uffiċjal tal-Qorti li jistħoqqlu l-protezzjoni tal-Qorti meta dana jiġi attakkat inġustament;

Illi *ma hemmx dubbju illi f'dana l-artikolu jeżistu siltiet li* setgħu ddisturbaw lill-avukat difensur fil-qadi ta' dmirijietu jew li jistgħu jitfgħu dell ikrah *fuq il-karattru ta'* l-istess avukat difensur;

Illi l-artikolu 995 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdu l-protezzjoni tal-liġi anke lill-avukat difensur qua uffiċjal tal-Qorti;

Għaldaqstant, waqt illi l-Qorti tiddikjara illi silta ta' dan l-artikolu hija nġurjuża fil-konfront ta' l-avukat Dr. Giannella Caruana Curran, u wara illi l-Qorti tenfasizza illi l-liġi tipprojbixxi ċertu kummenti fuq kawża li qiegħda *sub judice* għall-aħjar protezzjoni tal-partijiet, il-Qorti qiegħda tikkundanna lill-artikolista Daphne Caruana Galizia għall-ħlas ta' multa ta' Lm25;

Il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara illi *din il-multa hija waħda* minima bl-isperanza li d-drittijiet ta' kullħadd jiġu aktar ikkawtelati";

Appell minn dan id-digriet Daphne Caruana Galizia b'dan ir-rikors li jimmerita li jiġi riprodott in kwantu jelabora l-aggravji ta' l-appellanti minn diversi aspetti li jistgħu jkunu validi anke jekk mhux neċessarjament meħtieġ li jiġu kollha kkunsidrati minn din il-Qorti f'din l-istanza;

"Illi hija saret taf mill-gazzetti illi hija ġiet akkużata, ipproċessata, misjuba ħatja u kkundannata għall-multa ta' Lm25 għal disprezz ta' l-awtorità tal-Qorti skond l-artikolu 995, Kodiċi *tal-Proċedura Ċivili*;

Illi, skond ma qalu l-gazzetti, dan sar fit-13 ta' Awissu, 1996, fil-proċeduri kriminali **Il-Pulizija** ***vs*** **Meinrad Calleja** in segwitu għall-artikolu pubbliku fil-gazzetta The Malta Independent ta' l-4 ta' Awissu, 1996, allegatament miktub minnha;

Illi din l-akkuża u kundanna saru bi ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti, fosthom id-dritt għal smigħ xieraq, id-dritt li ma tiġix proċessata għal reat vag u indeterminat u d-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni;

Inoltre, il-kundanna tagħha saret mingħajr anqas biss saret il-prova li l-artikolu inkriminat inkiteb minnha;

Smigħ xieraq. L-esponent fl-ebda ħin ma ġiet informata li kien *hemm xi akkuża pendenti. Qatt ma ġiet notifikata b'ebda* imputazzjoni. Qatt ma ġiet mogħtija l-iċken opportunità li tiddefendi ruħha mill-importazzjoni pendenti;

Ġie ripetutament deċiż illi "*A contempt of court being a criminal offence, no person can be punished for such unless the specific offence charged against him be distinctly stated and an opportunity given him of answering*" (Re **Pollard**, (1868) LR2

PC106, 5 MOO pccns 111, 16ER 451, PC. Dan il-prinċipju bażilari ġie ripetutament reiterat mill-Qrati Ingliżi u tal-*Commonwealth*;

Barra minn dan, ħlief f'każi ta' disprezz *in faciem curiae* meta d-disprezz materjalment jimpedixxi l-progress tas-smigħ, il-ġudikant akkużatur għandu jirrimetti s-smigħ tal-proċeduri għad-disprezz, lill-ġudikant ieħor, biex jiġi rispettat il-prinċipju fondamentali ta' l-imparzjalità;

Fil-każ preżenti, għalkemm l-allegat disprezz manifestament ma sarx *in faciem curiae*, il-ħtija ta' l-esponenti ġiet determinata mill-istess maġistrat li kien qiegħed jisma' l-proċeduri kriminali, u li kien ġà esprima ruħu fuq l-inċident, b'mod għal kollox negattiv għall-esponenti, qabel is-sentenza u *qabel hija ġiet mogħtija l-iċken opportunità li tiddefendi ruħha*;

Akkuża vaga. L-artikolu 995 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li taħtu l-esponenti ġiet misjuba ħatja huwa konċepit bl-aktar mod vag u indeterminat. Huwa prinċipju fondamentali li ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' reat jekk id-disposizzjoni tal-liġi li tikkrea dak ir-reat ma tiddefendix b'mod eżatt l-*actus reus*. Il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna akkużata m'għandhiex tiddependi mill-opinjoni suġġestiva tal-ġudikant dwar liema fatti jikkostitwixxu reat. Għandha tkun il-liġi li tistabbilixxi x'inhu att kriminali, u x'mhux. Id-disposizzjonijiet ta' liġi penali li jippekkaw minn din l-inċertezza u nuqqas ta' definizzjoni huma *void for vagueness*;

L-importanza ta' definizzjoni eżatta dwar x'jikkostitwixxi r-reat ta' disprezz tal-Qorti, oltre l-formuli vagi, ġie enfasizzat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Harriet Harman** *vs* **U.K.**, deċiż fil-11 ta' Mejju, 1984, li in segwitu tiegħu il-gvern Ingliż biddel il-liġi

dwar id-disprezz biex jiddefinixxi aħjar l-*actus reus*;

*Fi kwalunkwe każ, l-esponenti tiċħad illi hija b'xi mod* ħatja skond l-artikolu 995 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Libertà ta' l-espressjoni. *L-esponenti hija ġurnalista* u teżerċita l-professjoni tagħha billi liberament u mingħajr biża ta' ċensura preventiva jew punizzjoni posterjuri, timmanifesta l-opinjoni tagħha;

Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Qorti li sabet lill-esponenti ħatja, u ċjoè li "l-liġi tipprojbixxi ċerti kummenti fuq kawża li qiegħda *sub judice*" il-verità hija l-oppost. Kif ġie deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża **Sunday Times Thalidomide Case** li kienet tittratta dwar disprezz tal-Qorti, l-istampa għandha mhux id-dritt, imma d-dover li tikkummenta dwar kawżi *sub judice* li jittrattaw suġġetti ta' interess ġenerali;

"*Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society, and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Of particular importance, in this context, is the freedom of the press to impart information and ideas, and the right of the public to receive them*" (**Lingens vs Austria**, July 8, 1986);

Diskriminazzjoni. L-esponenti tagħmel ampja riżerva għall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni billi f'numru kbir ta' każi, li fihom id-disprezz tal-Qorti kien manifest, ebda proċeduri simili ma ttieħdu;

L-esponenti għalhekk tissottometti li ġew ivvjolati fil-konfront tagħha d-drittijiet fondamentali protetti mill-artikolu

41, 39 (2), (6) u (8) tal-Kostituzzjoni u mill-artikoli 6, 7 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, għal-liema vjolazzjonijiet l-esponenti qiegħda formalment titlob ir-referenza għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili prevista mill-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u mill-artikoli korrispettivi ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tannulla u/jew tirrevoka s-sentenza/digriet tat-13 ta' Awissu, 1996 fuq imsemmija, anke għall-motiv li dikjarazzjoni ta' ħtija u mposizzjoni ta' piena kriminali ma tistax issir b'digriet u tillibera lill-esponenti minn kull importazzjoni, ħtija jew piena;

Bl-ispejjeż";

L-Avukat Ġenerali hekk irrisponda għall-aggravju ta' l-appellanti:

"Illi huwa qed jagħmel din ir-risposta stante li ġie nnotifikat bir-rikors peress li jidher li dan ir-rikors mhux qed isir fil-konfront tiegħu - *kif jidher mill-okkju stess;*

Illi bla preġudizzju għas-suespost, jidher meta wieħed iqis dak li ġie pprovdut bl-*artikolu 1003A li daħal fil-Kodiċi* permezz ta' l-Att XXIV ta' 1995 u l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li d-digriet impunjat jista' jkun null. Stante illi n-nullità o meno tad-digriet hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, din tista' tiġi nvestita mill-Qorti ta' l-Appell stess u għalhekk it-talba biex issir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tkun superfluwa għal kollox u m'għandhiex tiġi deċiża qabel il-kwistjoni tan-nullità;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, jidher li l-artikolu

m'għandux x'jaqsam mat-tip ta' artikoli li riedet tippubblika s-Sunday Times ta' Londra. Il-kwistjoni kollha - kif jidher mid-digriet - hija l-protezzjoni ta' l-avukat difensur waqt il-qadi ta' dmirijietu fil-Qorti. Dan huwa protett bl-aktar mod ċar mill-artikolu 994 li ma tista' tgħid li jissopprimi d-dritt ta' l-espressjoni dato li dan l-istess artikolu jagħti protezzjoni lid-drittijiet ta' ħaddieħor taħt is-subinċiż tnejn;

Illi, dejjem bla preġudizzju għas-suespost, fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tistax tiddeskrivi l-artikolu 995 bħala vag u l-multa ta' Lm25 (minkejja l-użu tal-kelma "multa") ma taqax taħt reat kriminali għall-finijiet tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara **Eggs *versus* Switzerland** u **Putz *versus* Austria**). Għalhekk l-artikoli invokati mir-rikorrent mhumiex applikabbli;

Illi għal dak li ġie allegat dwar id-diskriminazzjoni, fl-istess każ imsemmi mir-rikorrent, din ġiet skartata mill-Qorti Ewropeja għax sabet li ċ-ċirkostanzi mhumiex l-istess u fil-każ odjern, jekk l-avukat ikkonċernat ma jkunx għamel it-talba tiegħu quddiem il-Qorti, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-każ. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni tidher għal kollox bla bażi";

Din il-Qorti jeħtieġ, qabel xejn, li tiddisponi mill-preġudizzjali legalment issollevata - kif dover tiegħu - mill-Avukat Ġenerali dwar id-dubbju fuq ir-regolarità tad-digriet impunjat u l-possibilità li dan ikun null fil-liġi fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivil kif interpretat. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-Avukat Ġenerali li mhux biss meritu ta' din ix-xorta hu ta' ordni pubbliku u jista' allura jiġi direttament investit minnha, imma ukoll li tali eċċezzjoni ta' nullità, jekk milqugħa, tkun dirimenti ta' kull aspett ieħor ta' l-

aggravju ssollevat mill-appellanti, inkluż dak kostituzzjonali;

*L-artikolu 1003A, kif emendat, jipprovdi li:*

"F'kull proċediment għad-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti l-*proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi* huwa għandu jitqies bħala l-attur";

Din id-disposizzjoni, bħal kull disposizzjoni oħra fit-Titolu XVII tal-Kap. 12 li tittratta fuq ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti, hija estiża, tapplika u torbot lill-Qrati ta' kompetenza Kriminali bl-artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi *expressis* illi: "id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq il-qima li għandha tinġieb *lill-Qrati, jgħoddu għall-qrati kriminali*" (Titolu V tat-tielet taqsima li tittratta dwar ħwejjeġ li jgħoddu għall-kawżi kriminali kollha);

Din id-disposizzjoni tfisser ukoll illi mhux biss hi applikabbli għall-qrati kriminali kollha d-distinzjoni bejn imġieba mhux xierqa *in faciem curiae* u dik li ma tkunx hekk, imma ukoll hi applikabbli l-proċedura kif, fil-każ u fl-ieħor, kellhom jittieħdu mill-Qorti l-passi meħtieġa biex jiġu assigurati r-rispett u l-qima lejha u biex jiġi assigurat li min ikun ħati ta' disprezz jiġi debitament miġjub għall-ordni quddiemha u adegwatament punit;

Hu ovvju minn *eżami anke superfiċjali tad-*disposizzjonijiet applikabli li d-distinzjoni bażilari bejn l-imġieba mhux xierqa li ssir *in faciem curiae* u dik li ma ssirx hekk hi netta u l-każi huma trattati b'mod differenti u dana ġustament. Fl-ewwel każ il-liġi trid tagħti lill-ġudikant il-mezzi biex immedjatament iġib għall-ordni lil min jittanta jfixkel il-

kors tal-ġustizzja u dana biex tassigura li xejn ma jimpediha milli teżerċita d-doveri tagħha b'intervent repentin u awtorevoli. Fit-tieni każ fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proċeduri quddiemha, il-liġi tipprovdi li jiġi assigurat li min ikun akkużat li jkun ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti jingħata opportunità sħiħa li jiddefendi ruħu minn din l-akkuża;

Importanti li l-liġi tiddetermina liema huma l-każijiet li tqis li jikkostitwixxu disprezz *in faciem curiae*. Dana tgħidu per eżempju fl-artikolu 989, meta tiddisponi li ħadd ma jista' <u>f'seduta tal-Qorti</u> jagħmel esklamazzjonijiet jew ta' disapprovazzjoni jew li b'xi mod ieħor ifixklu l-attenzjoni tal-Qorti;

Fil-każ taħt eżami mhux ikkontestat illi l-att allegatament dispreġġjattiv li ta lok għad-digriet impunjat jemani minn artikolu ippubblikat fil-gazzetta The Malta Independent ta' l-4 ta' Awissu, 1996, iffirmat mill-appellanti. Fatt li indubbjament ma seħħx *in faciem curiae* skond kif definit mil-liġi u li ċertament seħħ barra mill-ambitu tal-proċeduri li kienu qed jiġu kondotti mill-Qorti tal-Maġistrati, anke jekk eskluż li l-artikolu kien intenzjonat biex jinfluwenza l-andament tagħhom;

Hu veru li dik il-Qorti kkonstatat fid-digriet tagħha "li ma hemmx dubbju li f'dan l-artikolu jeżistu siltiet li setgħu ddisturbaw lill-avukat difensur fil-qadi ta' dmirijietu jew li jistgħu jitfgħu dell ikrah fuq il-karattru ta' l-istess avukat difensur". Kostatazzjoni din li kienet il-bażi ta' l-akkuża ta' disprezz kontra l-appellanti u li naturalment kien jeħtieġ li tiġi verifikata u stabbilita in kontestazzjoni tagħha;

Din il-Qorti lanqas ma tiddubita għall-mument l-għaqal tal-Kodiċi ta' Proċedura li jipprovdi protezzjoni sħiħa lill-

*avukat difensur, qua uffiċjal tal-Qorti, fil-qadi ta' dmirijietu u* ċertament ma tkunx hi li b'xi mod iddajjef tali protezzjoni kontra attakki nġusti essenzjali biex tiġi *assigurata difiża xierqa* lill-akkużat;

Hu ċar però, u dana mhux biss fl-iskorta tal-ġurisprudenza *in materja imma ukoll, u aktar, fid-dawl tal-kelma espressa tal-liġi*, illi l-proċediment għad-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti fejn dan ma jkunx *in faciem curiae* kellu jinbeda fuq ordni tal-Qorti mir-Reġistratur, li kellu jitqies li jkun l-attur, kontra l-persuna li tkun akkużata li kienet ħatja ta' disprezz. Hu ovvju li fejn id-disprezz ikun sar *in faciem curiae*, il-persuna *li allegatament tkun ikkommettietu, tkun bilfors quddiem il-Qorti* u tkun allura konxja taċ-ċirkostanzi *kollha li l-Qorti jkun* dehrilha li jkunu jikkostitwixxu disprezz u hu preżunt li l-istess Qorti tkun tat lil dik il-persuna ampja opportunità li tiġġustifika l-aġir tagħha qabel ma jiġi mgħoddi ġudizzju fir-rigward tagħha;

Għall-kuntrarju, meta l-att dispreġġjattiv ma jkunx avvera ruħu *in faciem curiae*, hu preżunt li min ikun allegatament ikkommettih ma jkunx parti fil-proċeduri jew preżenti fihom. Hu allura kellu jingħata l-opportunità mhux biss li jiġi notifikat bl-akkuża li l-Qorti tqis tali aġir bħala li jikkostitwxxi mġieba *mhux xierqa fil-konfront tagħha, imma ukoll li jingħata* opportunità sħiħa li jiddefendi ruħu fir-rispett sħiħ tal-jeddijiet fondamentali u kostituzzjonali. Japplikaw allura għalih dawk il-garanziji kollha li l-kostituzzjoni tipprovdi biex jiġi assigurat smigħ xieraq u ġust lill-persuna akkużata b'reat li għalihom ġustament għamlet rikjam l-appellanti fir-rikors tagħha;

Dawn il-konsiderazzjonijiet jirrispondu speċifikatament għall-aggravji ta' l-appellanti u t-trattazzjoni quddiemha. Apparti dawn jinkombi fuq din il-Qorti li tagħmel l-

osservazzjonijiet segwenti:

Fil-każ ta' inġurji fil-konfront ta' avukati difensuri fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tagħhom, il-Kap. 12 jikkontempla żewġ possibilitajiet li talvolta jistgħu jwasslu għal kundanna ta' disprezz. L-ewwel każ hu dak ikkontemplat fl-artikolu 996 tal-Kap. 12 li jawtorizza lill-ġudikant li jikkundanna *ex officio*, bil-pieni msemmija fl-artikoli 990 u 991, skond iċ-ċirkostanzi, kull imġieba ħażina li quddiemu ssir lil avukat, prokuratur legali jew uffiċjal ieħor, filwaqt li jkunu jaqdu d-dmirijiet tagħhom. Hu evidenti mill-użu tal-kelma "quddiemu" li hawn il-liġi qed tikkontempla inġurja (fit-test Ingliż *insulted*) li ssir *in faciem curiae*. It-tieni każ hu dak li jirrigwarda inġurja lill-avukati, prokuraturi legali, bħala formanti parti mill-kategorija iktar wiesgħa ta' "uffiċjali tal-Qorti" li ssirilhom waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom imma mhux *in faciem curiae*. Dawn il-każijiet huma rregolati mill-artikolu 995 tal-Kap. 12 li jipprovdi li f'każijiet simili, f'każ li l-avukat jew prokuratur legali jagħmel rapport ta' l-allegat fatt inġurjuż lill-ġudikant, "il-ħati jista' jiġi mill-Imħallef jew Maġistrat ikkundannat għall-ammenda, għall-multa, jew għad-detenzjoni, bla ħsara ta' kull piena oħra li tista' tiġi mogħtija mill-Qorti kompetenti, li għaliha l-ħati jkun suġġett jekk il-fatt ikun jikkostitwixxi reat iżjed gravi, skond il-liġi". Dana evidentement għaliex il-Kodiċi Kriminali, partikolarment fl-artikolu 252, jiddistingwi bejn inġurja u oħra u l-gravità u pieni relattivi;

Hu evidenti minn din id-disposizzjoni (artikolu 995 tal-Kap. 12) li l-proċedura kollha addottata mill-Qorti tal-Maġistrati mill-mument li rċeviet l-ilment ta' l-avukat difensur kienet żbaljata u dan għar-raġunijiet segwenti:

Il-kliem "il-ħati jista' jiġi" hu indikattiv biżżejjed li biex tinstab il-ħtija u jkun hemm l-eventwali kundanna, l-ewwel irid

ikun hemm akkuża speċifika kontra persuna speċifika li eventwalment tista' ssir "il-ħati" u tiġi kkundannata;

Hu inkonċepibbli li f'materja simili persuna tiġi misjuba ħatja li inġurjat avukat bi ksur ta' l-artikolu 995 tal-Kap. 12 mingħajr ma tinħareġ kontra tagħha akkuża speċifika u tingħata l-opportunità kollha li tiddefendi ruħha kif ġà spjegat aktar 'il fuq, u fl-ispirtu ovvju, li, fil-kuntest tiegħu, il-liġi tipprovdi differentement fil-każijiet ta' disprezz mhux *in faciem curaie*. Dan hu ovvju tant li anke f'materja sempliċi bħall-ksur ta' divjet ta' pubblikazzjoni hemm ipprovdut mill-artikolu 517 (43) tal-Kap. 9, min allegatament ikun kiser dak id-divjet għandu jinġieb quddiem il-Qorti b'taħrika jew arrest;

L-Ewwel Qorti manifestament arrogat għaliha d-dritt li tipproċessa lil Daphne Caruana Galizia mhux biss mingħajr ma segwiet dan il-prinċipju bażilari ta' smigħ xieraq indikat fil-paragrafu preċedenti iżda ukoll mingħajr ma assikurat li jiġu segwiti d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1003A, li anzi ġew injorati kompletament minnha. Id-dover ta' dik il-Qorti, skond l-istess artikolu, ma kienx li tipproċessa u tikkundanna lil min kontra tagħha kien sar ir-rapport, u *multo magis* fl-assenza tagħha, iżda li, fit-termini ta' l-artikolu msemmi, tagħti dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur biex dan jieħu l-passi opportuni skond il-liġi, aktar u aktar, meta l-inġurja tista' tmur oltre dak li jaċċenna għalih l-artikolu 995, billi tista' tikkostitwixxi reat aktar serju, f'liema każ, il-proċeduri għandhom jieħdu l-iter applikabbli għalihom skond il-Kodiċi Kriminali;

L-Ewwel Qorti għalhekk iddeċidiet vertenza b'mod proċeduralment irregolari għall-aħħar;

Din il-Qorti għalhekk qed tasal għall-konklużjoni li d-digriet appellat hu, konsegwentement, irritu u null in kwantu

kien proċeduralment monk u ma josservax id-dettami espressi *tal-liġi f'materja li hi ta' ordni pubbliku. Mhux il-każ li din il-*Qorti tgħaddi biex tittratta s-sottomissjonijiet ta' indole kostituzzjonali ssollevati *mill-appellanti* b'mod partikolari, fir-rigward ta' l-applikabilità għall-fatt taħt eżami, ta' dik il-parti mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li għaliha għamlet referenza u li hi, sa ċertu punt, ikkontestata mill-Avukat Ġenerali. *Il-Qorti ser tillimita ruħha biex tissottolinea li din il-Qorti diġà f'okkażjonijiet oħra, stabbiliet "li l-liġi tiddisponi li ċerti atti jikkostitwixxu disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u* tippreskrivi l-pieni li għandhom jiġu nflitti fuq min jinstab li *jkun ikkommetta* xi att minn dawk. Dan *il-proċediment huwa ta'* indoli kriminali. Il-fatt li l-istess proċediment ġie introdott biċ-*ċitazzjoni, cjoè l-att li ordinarjament inizja l-kawża ċivili, ma* jagħtix lil dak il-proċediment in-natura ċivili u ma jneħħilu xejn *min-natura kriminali" (Vol. LXXV, pt. II, sec. II, pt. II, p. 526).* Minn din il-konsiderazzjoni naturalment jiskaturixxu oħrajn li jesiġu l-protezzjoni tal-persuna akkużata li kienet ħatja ta' dak ir-reat u l-konsegwenzjali garanziji li għalihom hi ntitolata li jkollha smigħ xieraq u ġust minn tribunal imparzjali u ndipendenti. F'dan ir-rigward allura s-sottomissjonijiet tal-kontendenti u b'mod partikolari dawk ta' l-Avukat Ġenerali *jkun jistħoqqilhom f'sede oħra approfondiment* u ma jistgħux u m'għandhomx jittieħdu bħala dejjem u f'kull każ validi;

*Għal dawn il-motivi, l-appell hu milqugħ u d-digriet* appellat dikjarat irritwali *proċeduralment u konsegwentement* null u bla effett fil-liġi u allura tħassru;

L-ispejjeż *fiċ-ċirkostanzi* għandhom jibqgħu *bla* taxxa bejn il-kontendenti, anke għaliex kif sewwa jirrileva l-Avukat *Ġenerali, l-appell ma kienx qed isir fil-konfront tiegħu.*